MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 387/2001/1

**Avviz Nru:- 387/01**

**Harrison & Company (Malta) Limited**

**vs**

**Pilastri Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, u disa' u sittin liri Maltin, u wiehed u disghin centezmu (Lm369.91), rapprezentanti hlas ghall-servizzi resi in konnessjoni ma' 'Quality Assurance' u servizzi ohra affini u relatati mal-istess, kif debitament forniti u pprovduti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummerjcali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati, ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru ghas-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija, disa' u sittin liri maltin, u wiehed u disghin centezmu (Lm369.91) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mit-30 ta' April 2001, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------